

# Spejjeż

Anthony Schembri
*Segretarju Finanzjarju*



Mhux kulma jiswa l-flus hu spiża. Nistħajjilkom tgħidu dan biex ġej dis-sena! Jekk tixtri oġġett u tħallas għalih, mhux spejjeż tkun qed tagħmel? U hekk hu. Imma hemm tipi differenti ta' spejjeż. Hemm spejjeż li jkollok tagħmel regolarment biex tamministra għaqda bħalma hi din tagħna minn ġurnata għall-oħra, dawk li jissejħu spejjeż rikurrenti. Imbagħad hemm spejjeż li tagħmel kull tant żmien biex tkompli tkabbar u ssaħħaħ l-għaqda, bħalma hu xiri ta' strumenti jew tisbieħ fl-infrastruttura tal-każin. Imma mbagħad hemm spejjeż li wieħed jagħmel biex jirrendu dħul fuq perjodu ta' żmien, u għalhekk ma jibqgħux spejjeż iżda jsiru investimenti. Iċ-ċans hu li dawn tal-aħħar dejjem jitqegħdu n-naħa t'isfel tal-lista tal-affarijiet li hemm bżonn li jsiru, u ħafna drabi jista' jkun bir-raġun. Kif tista' tispjega li għaddej minn eżerċizzju li qed tipprova tnaqqas l-ispejjeż tiegħek, u mbagħad tagħmel investiment sostanzjali? Mhux faċli u lanqas hu dejjem possibbli. Imma wieħed għandu jżomm f'moħħu li għada taħsad dak li tiżra' llum.

Kien għalhekk li l-Kumitat tul l-aħħar sena ħa d-deċiżjoni li jinstalla sistema ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt tal-Każin. Spiża sostanzjali, imma fl-opinjoni tal-Kumitat kien investiment għaqli li kellna nidħlu għalih għax kien iż-żmien opportun. Min fela bir-reqqa l-magażin li l-Għaqda tagħna ħarġet is-sena l-oħra għall-Festa tal-Vitorja seta' jaqra l-artiklu dwar il-proġett "Resilient Communities" miktub mis-Sinjura Helga Ellul, il-President tal-*Core Platform*. Fl-artiklu tagħha s-Sinjura Ellul għamlet referenza għal dan l-investiment, u kien propjament bis-saħħa tal-proġett "Resilient Communities" u ta' benefattur tal-Għaqda li stajna finalment naraw li dan l-investiment seta' jseħħ. Dawn il-pannelli qegħdin idawru l-enerġija tax-xemx li pajjiżna hu mogħni biha fi dħul tant neċessarju għall-Għaqda tagħna. F'sitwazzjoni fejn is-sorsi tad-dħul huma limitati u l-ispejjeż dejjem jogħlew, ridna nagħmlu pass ambizzjuż, iżda meqjus, biex inkomplu nħarsu 'l quddiem b'kuraġġ.

Fl-istess waqt, qed nagħtu l-kontribut tagħna biex nagħmlu lil pajjiżna iktar sostenibbli. Il-konsum ta' enerġija li każin bħal tagħna għandu hu wieħed konsiderevoli. Bħala parti integrali mill-komunità, inħossu li huwa dmir tagħna li nagħmlu li nistgħu biex l-impatt tagħna fuq l-ambjent innaqqsuh kemm nistgħu, u dan qed nagħmluh permezz ta' dawn il-pannelli, flimkien ma' inizzjattivi oħra li ħadna biex inkunu iktar effiċjenti fil-konsum tal-enerġija.

Ma jfissirx li issa nistgħu noqogħdu bilqegħda għax il-parti tagħna għamilniha u l-flus deħlin! Kieku tajjeb! Ma jfissirx li nistgħu nonfqu bl-addoċċ, jew li nistgħu nagħmlu kapriċċi. Anzi, bil-kontra. Irridu naraw li noqogħdu iktar bil-għaqal ħalli l-investiment li għamilna verament irendi. Inkella jkun kollu ta' xejn. Huwa obbligu tagħna li naraw li nkomplu ninvestu f'attivitajiet li jservu ta' ġid għall-Għaqda tagħna u l-komunità inġenerali. B'hekk inkomplu nilħqu l-għanijiet li kellhom missirijietna meta taw il-ħajja lil din l-Għaqda. Inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni mużikali u kulturali għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet ta' llum u t'għada, imma nagħmlu dan f'rispett sħiħ lejn l-ambjent li fih noperaw, fis-sens wiesgħa tal-kelma.

Nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-anzjani, lill-emigranti u lill-Melleħin kollha.

***Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd***